

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 493/2014

tat-13 ta' Mejju 2014

li jemenda r-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 102/2012 li jimponi dazju anti-dumping definitiv fuq importazzjonijiet ta' ħbula u kejbils tal-azzar li joriġinaw, fost l-oħrajn, mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, kif estiż għal importazzjonijiet ta' ħbula u kejbils tal-azzar ikkonsenjati, fost l-oħrajn, mir-Repubblika tal-Korea, sew jekk iddikjarati li joriġinaw mir-Repubblika tal-Korea u sew jekk le

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea (¹) ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikoli 11(3) u 13(4) tiegħu,

Billi:

A. IL-MIŻURI FIS-SEĦĦ

- (1) Permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1796/1999 (²), il-Kunsill impona dazju anti-dumping definitiv fuq l-importazzjoni ta' ħbula u kejbils tal-azzar li joriġinaw, fost l-oħrajn, mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina. Dawn il-miżuri nżammu bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1601/2001 (³) u bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1858/2005 (⁴).
- (2) Permezz tar-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) Nru 400/2010 (⁵), il-Kunsill estenda d-dazju tal-antidumping fuq importazzjonijiet ta' ħbula u kejbils tal-azzar li joriġinaw, fost l-oħrajn, mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina għal importazzjonijiet tal-istess prodott ikkonsenjat mir-Repubblika tal-Korea, sew jekk iddikjarati li joriġinaw mir-Repubblika tal-Korea kif ukoll jekk le, wara investigazzjoni kontra l-evażjoni skont l-Artikolu 13 tar-Regolament bażiku. Bl-istess Regolament, ċerti proġutturi esportaturi Koreani kienu eżentati minn dawn il-miżuri estiżi.
- (3) Il-miżuri li attwalment huma fis-seħħ huma dazju definitiv tal-anti-dumping impost mir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 102/2012 (⁶) dwar importazzjonijiet ta' ħbula u kejbils tal-azzar li joriġinaw, fost l-oħrajn, mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina kif estiż, fost l-oħrajn, għall-importazzjonijiet ta' ħbula u kejbils tal-azzar ikkonsenjati mir-Repubblika tal-Korea, sew jekk iddikjarati li joriġinaw mir-Repubblika tal-Korea kif ukoll jekk le, wara reviżjoni ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, kif emendat l-aħħar mir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 489/2014 (⁷), ("il-miżuri fis-seħħ").

(¹) ĠUL 343, 22.12.2009, p. 51.

(²) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1796/1999 tat-12 ta' Awwissu 1999 li jimponi dazju anti-dumping definitiv, u li jiġbor b'mod definitiv id-dazju proviżorja impost, fuq importazzjoni ta' ħbula u kejbils tal-azzar ġejjin mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, mill-Ungeria, mill-Indja, mill-Messiku, mill-Polonja, mill-Afrika t'Isfel u mill-Ukraina u li jtemm il-proċeduri legali kontra d-dumping minn importazzjonijiet ġejjin mir-Repubblika tal-Korea (ĠUL 217, 17.8.1999, p. 1).

(³) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1601/2001 tat-2 ta' Awwissu 2001 l-impożizzjoni ta' taxxa definitiva kontra d-dumping u l-ġbir definitiv tat-taxxa proviżorja kontra d-dumping imposta fuq l-importazzjoni ta' ċertu ħbula u kejbils tal-ħadid jew azzar ġejjin mir-Repubblika Ċeka, mir-Russia, mit-Tajlandja u mit-Turkija (ĠUL 211, 4.8.2001, p. 1).

(⁴) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1858/2005 tat-8 ta' Novembru 2005 li jimponi dazju anti-dumping definitiv fuq importazzjonijiet tal-ħbula tal-azzar u kejbils li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, mill-Indja, mill-Afrika t'Isfel u mill-Ukraina wara reviżjoni tal-iskadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 384/96 (ĠUL 299, 16.11.2005, p. 1).

(⁵) Ir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 400/2010 tas-26 ta' April 2010 li jestendi d-dazju definitiv anti-dumping impost mir-Regolament (KE) Nru 1858/2005 fuq l-importazzjonijiet ta' ħbula tal-azzar u kejbils li joriġinaw, fost l-oħrajn, mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għall-importazzjonijiet ta' ħbula tal-azzar u kejbils ikkonsenjati mir-Repubblika tal-Korea, sew jekk iddikjarati li joriġinaw mir-Repubblika tal-Korea kif ukoll jekk le, u li jtemm l-investigazzjoni fir-rigward tal-importazzjonijiet ikkonsenjati mill-Malasja (ĠUL 117, 11.5.2010, p. 1).

(⁶) Ir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 102/2012 tas-27 ta' Jannar 2012 li jimponi dazju anti-dumping definitiv fuq importazzjonijiet ta' ħbula u kejbils tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mill-Ukraina kif estiż għal importazzjonijiet ta' ħbula u kejbils tal-azzar ikkonsenjati mill-Marokk, mill-Moldova u mir-Repubblika tal-Korea, sew jekk iddikjarati li joriġinaw minn dawn il-pajjiżi u sew jekk le, wara reviżjoni tal-iskadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009 u li ttemm il-proċediment tar-reviżjoni tal-iskadenza li jikkonċerna l-importazzjonijiet ta' ħbula u kejbils tal-azzar li joriġinaw mill-Afrika t'Isfel skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009 (ĠUL 36, 9.2.2012, p. 1).

(⁷) ĠUL 138, 13.5.2014, p. 80.

B. IL-PROĊEDURA

1. Il-bidu

- (4) Il-Kummissjoni rċeviet talba għal rieżami interim parpjali skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku. It-talba tressqet minn Goodwire MFG. Co. Ltd ("Goodwire"), produttur fir-Repubblika tal-Korea, u hija limitata fl-ambitu għall-eżaminar tal-possibbiltà li Goodwire tingħata eżenzjoni mill-miżuri fis-seħħi skont l-Artikolu 13(4) tar-Regolament bażiku.
- (5) Wara li eżaminat l-evidenza ppreżentata minn Goodwire u wara konsultazzjoni mal-Istati Membri, u wara li l-industrija tal-Unjoni nghat替 l-opportunità li tikkummenta, fis-27 ta' Awwissu 2013 il-Kummissjoni bdiel l-investigazzjoni bil-pubblikkazzjoni ta' notifikasi ta' bidu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (¹).

2. Il-prodott rieżaminat

- (6) Il-prodott soġġett għal dan ir-rieżami huwa ħbula u kejbils tal-azzar, inklużi ħbula koljaturi maqfulin, eskuži ħbula u kejbils tal-istainless steel, b'dimensjoni trasversali massima ta' aktar minn 3 mm, li jorġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina jew ikkonsejjenati mir-Repubblika tal-Korea, sew jekk iddikjarati li jorġinaw mir-Repubblika tal-Korea kif ukoll jekk le ("il-prodott rieżaminat"), li attwalment jaqgħu taħt il-kodiċi NM ex 7312 10 81, ex 7312 10 83, ex 7312 10 85, ex 7312 10 89 u ex 7312 10 98 (kodiċi TARIC 7312 10 81 13, 7312 10 83 13, 7312 10 85 13, 7312 10 89 13 u 7312 10 98 13).

3. Il-perjodu tar-rapportar

- (7) Il-perjodu tar-rapportar kopra l-perjodu mill-1 ta' Lulju 2012 sat-30 ta' Ġunju 2013. Id-dejta nġabret mill-2008 sat-tmiem tal-perjodu tar-rapportar biex tkun investigata kwalunkwe bidla fix-nejra tal-kummerċ.

4. L-investigazzjoni

- (8) Il-Kummissjoni avżat uffiċjalment lil Goodwire u lir-rappreżentanti tar-Repubblika tal-Korea dwar il-bidu tar-rieżami. Il-partijiet interessati ġew imħeġġa biex jesprimu l-fehmiet tagħhom u kienu mgħarrfa bil-possibbiltà li jitkolbu smiġi. Tali talba ma saritx.
- (9) Il-Kummissjoni bagħtiet kwestjonarju lil Goodwire u rċeviet risposta fiż-żmien ta' skadenza stipulat. Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat l-informazzjoni kollha meqjusa bħala meħtieġa għall-finijiet tar-rieżami. Żjara ta' verifika saret fil-bini ta' Goodwire.

C. IS-SEJBIET

- (10) L-investigazzjoni kkonfermat li Goodwire huwa produttur ġenwin tal-prodott rieżaminat u li ma kienet relatata ma' ebda esportaturi jew produtturi Ċiniżi li huma soġġetti għall-miżuri fis-seħħi tal-antidumping. L-investigazzjoni kompliet tikkonferma li Goodwire ma kinitx esportat il-prodott rieżaminat lill-Unjoni matul il-perjodu tal-investigazzjoni għall-investigazzjoni kontra l-evażjoni li wasslet għall-miżuri estiżi, jiġifieri l-1 ta' Lulju 2008 sat-30 ta' Ġunju 2009.
- (11) L-attivitajiet ta' pproċessar ta' Goodwire jistgħu jiġu kkunsidrati bħala operazzjoni ta' tlestitja u mmuntar fis-sens tal-Artikolu 13(2) tar-Regolament bażiku. Goodwire tixtri vireg tal-wajer tal-azzar prodotti lokalment iż-żda timporta wkoll vireg tal-wajer tal-azzar mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, li jiġu sussegwentement estrużi, mibrumin flimkien u miksija fil-bini tagħha fir-Repubblika tal-Korea. Il-prodott finali jinbiegħ lokalment u jiġi esportat lejn l-Istati Uniti u lejn l-Unjoni.
- (12) Matul l-investigazzjoni ġie stabbilit li l-proporzjon ta' materja prima Ċiniżha kien b'mod sinifikanti taħt il-limitu ta' 60 %. Għaldaqstant, ma kienx meħtieġ li jiġi stabbilit jekk il-limitu ta' 25 % tal-valur miżjud kienx intlaħaq fit-tif-sira tal-Artikolu 13(2) tar-Regolament bażiku. Għalhekk, l-attivitajiet ta' produzzjoni ta' Goodwire ma nstabux li jinvolvu l-evażjoni skont l-Artikolu 13(2) tar-Regolament bażiku.
- (13) L-investigazzjoni kkonfermat li Goodwire ma kinitx qed tixtri l-prodott finali rieżaminat mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina biex jerġa' jinbiegħ jew jiġi ttrażbordat għall-Unjoni u li l-kumpanija tista' tiġġustifika l-esportazzjonijiet kollha tagħha matul il-perjodu ta' rapportar.

(¹) ĠU C 246, 27.8.2013, p. 5.

- (14) Fid-dawl tas-sejbiet deskritti fil-premessi minn (10) sa (13), il-Kummissjoni kkonkludiet li Goodwire mhix qed tevadi l-miżuri fis-seħħ ta' anti-dumping fuq importazzjonijiet ta' ħbula u kejbils tal-azzar li joriġinaw, fost l-oħrajn, mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina kif estiż, fost l-oħrajn, għall-importazzjonijiet ta' ħbula u kejbils tal-azzar ikkonsenjati mir-Repubblika tal-Korea kemm jekk iddikjarati li joriġinaw mir-Repubblika tal-Korea kif ukoll jekk le.
- (15) Is-sejbiet ta' hawn fuq kienu żvelati lil Goodwire u lill-industrija tal-Unjoni, li ngħataw l-opportunità li jgħaddu xi kumentti. Il-kumentti milqugħa ġew ikkunsidrati fejn xieraq.

D. MODIFIKA TAL-LISTA TA' KUMPAÑIJI LI JIBBENIFIKAW MINN EŻENZJONI MILL-MIŻURI FIS-SEħħ

- (16) Skont is-sejbiet ta' hawn fuq, il-kumpanija Goodwire għandha tiżdied mal-lista tal-kumpaniji li huma eżenti mid-dazju tal-anti-dumping impost mir-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) Nru 102/2012.
- (17) Kif stipulat fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) Nru 400/2010, l-applikazzjoni tal-eżenzjoni għandha tkun bil-kundizzjoni li l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jiġu ppreżentati b'fattura kummerċjali valida, li għandha tikkonforma mar-rekwiżiti stipulati fl-Anness ta' dak ir-Regolament. Jekk l-ebda fattura bħal din ma tkun ippreżentata, id-dazju tal-antidumping għandu jibqa' jaapplika.
- (18) Barra minn hekk, l-eżenzjoni mill-miżuri estiżi mogħtija għall-importazzjonijiet ta' ħbula u kejbils tal-azzar prodotti minn Goodwire, skont l-Artikolu 13(4) tar-Regolament bażiku, tibqa' valida bil-kundizzjoni li l-fatti kif finalment aċċertati jiġiustifikaw l-eżenzjoni. Jekk l-evidenza *prima facie* turi mod ieħor, jista' jingħata bidu għal investigazzjoni mill-Kummissjoni biex jiġi stabbilit jekk ikunx iż-ġiġiustifikat li l-eżenzjoni tiegħi rtirata.
- (19) L-eżenzjoni mill-miżuri estiżi mogħtija għall-importazzjonijiet ta' ħbula u kejbils tal-azzar prodotti minn Goodwire ġiet stabbilita abbażi tas-sejbiet tar-rieżami preżenti. Din l-eżenzjoni hija għalhekk esklusivament applikabbli għal importazzjonijiet ta' ħbula u kejbils tal-azzar ikkonsenjati mir-Repubblika tal-Korea u prodotti minn din l-entità għuridika spċificika msemmija hawn fuq. Ħbula u kejbils tal-azzar importati, prodotti minn kwalunkwe kumpanija li mhix imsemmija b'mod spċificu fl-Artikolu 1(4) tar-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) Nru 102/2012 bl-isem tagħha, inklużi l-entitajiet relatati ma' dawk imsemmija b'mod spċificu, ma għandhomx jibbenifikaw mill-eżenzjoni u għandhom ikunu soġġetti għar-rata ta' dazju residwa kif imposta minn dak ir-Regolament.
- (20) Ir-rieżami interim parżjali għandu jintemm u r-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) Nru 102/2012, kif emendat l-aħħar, għandu jkun emendat biex jinkludi lil Goodwire fit-tabella stabbilita fl-Artikolu 1(4) tiegħi.
- (21) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 15(1) tar-Regolament bażiku,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

It-tabella stabbilita fl-Artikolu 1(4) tar-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) Nru 102/2012, kif emendat l-aħħar mir-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) Nru 489/2014, hija mibdula mit-tabella li ġejja:

“Pajjiż	Kumpanija	Kodiċi addizzjonal TARIC
Ir-Repubblika tal-Korea	Bosung Wire Rope Co., Ltd, 568,Yongdeok-ri, Hallim-myeon, Gimae-si, Gyeongsangnam-do, 621-872	A969
	Chung Woo Rope Co., Ltd, 1682-4, Songjung-Dong, Gangseo-Gu, Busan	A969

“Pajjiż	Kumpanija	Kodiċi addizzjonali TARIC
	CS Co., Ltd, 287-6 Soju-Dong Yangsan-City, Kyoungnam	A969
	Cosmo Wire Ltd, 4-10, Koyeon-Ri, Woong Chon-Myon Ulju-Kun, Ulsan	A969
	Dae Heung Industrial Co., Ltd., 185 Pyunglim — Ri, Daesan-Myun, Ħaman — Gun, Gyungnam	A969
	DSR Wire Corp., 291, Seonpyeong-Ri, Seo-Myon, Suncheon-City, Jeonnam	A969
	Goodwire MFG. Co. Ltd, 984-23, Maegok-Dong, Yangsan-City, Kyungnam	B955
	Kiswire Ltd, 20 th Fl. Jangkyo Bldg., 1, Jangkyo-Dong, Chung-Ku, Seoul	A969
	Manho Rope & Wire Ltd, Dongho Bldg, 85-2 4 Street Joongang-Dong, Jong-gu, Busan	A969
	Line Metal Co. Ltd, 1259 Boncho-ri, Daeji-Myeon, Changnyeong-gun, Gyeongnam	B926
	Seil Wire and Cable, 47-4, Soju-Dong, Yangsan-Si, Kyungsangnamdo	A994
	Shin Han Rope Co., Ltd, 715-8, Gojan-Dong, Namdong-gu, Incheon	A969
	Ssang YONG Cable Mfg. Co., Ltd, 1559-4 Song-Jeong Dong, Gang-Seo Gu, Busan	A969
	Young Heung Iron & Steel Co., Ltd, 71-1 Sin-Chon Dong, Changwon City, Gyungnam	A969”

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Mejju 2014.

*Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO*